**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 1 TA' MARZU, 2002**

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 1972/01 AE**

**Maltacom plc**

**vs**

**Power Wave Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm120.75) servizz li s-socjeta attrici pprovdiet lis-socjeta konvenuta ghall-approvazzjoni ta' tip dwar taghmir tat-telekomunikazzjonijiet bejn it-3 ta' Settembru 1998 u t-30 ta' April 2001.

Ra li s-socjeta konvenuta ghalkemm debitament notifikata naqset milli tikkontesta l-kawza u milli tidher ghas-seduti tal-25 ta’ Frar 2002 u tal-lum.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa’ t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ mija u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm120.75), bl-imghax min-notifika ta’ l-ittra ufficjali tad-19 ta’ Dicembru 2001 u fin-nuqqas mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (ghat-tenur ta’ l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.